# IL-M.U.S.E.U.M. TAĦT INKJESTA - IR-RIŻULTAT (1)

## 100 sena ilu



ROBERT ALOISO / robertaloisio@gmail.com




Wieħed mill-pariri tal-Kummissjoni maħtura mill-Isqof kien li l-isem "Museum" jispiċċa u jibda jissejjaħ "Kongregazzjoni ta' Katekisti Ulied il-Papa"

Dak li fl-2007, Papa Benedittu XVI iddikjarah bħala l-ewwel qaddis kanonizzat Malti, Dun Ġorġ Preca, mitt sena ilu bħal daż-żmien kien qiegħed jistenna r-riżultat tal-inkjesta fuq is-Soċjetà li hu kien waqqaf għaxar snin qabel mingħajr l-approvazzjoni uffiċjali tal-Knisja Maltija. F'Marzu 1917, il-Knisja mmexxija mill-Isqof Mawru Caruana, kienet waslet biex toħroġ digriet li kellu jiddetermina jekk is-Soċjetà ta' Dun Ġorġ tibqax teżisti jew le.

### X'KIENET IS-SITWAZZJONI?

F'Malta tal-bidu tas-Seklu Għoxrin, ma kienet teżisti l-ebda struzzjoni kateketika organizzata tajjeb biex tegħleb l-injoranza reliġjuża grassa li kien hawn. Kollox kien tħalla f'idejn l-isforzi individwali ta' qassisin, li proprju fl-1916, l-Isqof Dom Mawru Caruana ħeġġiġhom jibdew iżuru l-iskejjel kull xahar. Tletin sena qabel, Dr Keenan tal-Kummissjoni Rjali Ingliża, fir-rapport tiegħu kien stagħġeb bl-istat diżastruż tal-edukazzjoni reliġjuża f'Malta.

Il-Knisja nnifisha, għalkemm kienet tipprovdi ħafna mill-aqwa skejjel privati fil-pajjiż, ma nistgħux ngħidu li kienet qiegħda taħdem għal edukazzjoni reliġjuża organizzata għall-poplu komuni.

Dun Ġorġ kien tassew ħanin fi kliemu mal-awtoritajiet tal-Knisja, meta qal biss li "t-tagħlim fil-parroċċi ma kienx organizzat wisq" għax fil-fatt f'ħafna parroċċi ma kien organizzat xejn.

### DUN ĠORĠ PRECA

Dun Ġorġ, imwieled il-Belt, imma li fi tfulitu familtu marret tgħix fil-Ħamrun, fiż-żmien l-inkjesta kien saċerdot ta' 36 sena. Għaxar snin qabel, għall-ħabta tal-1906, Preca ndiehes ma' grupp ta' żgħażagħ Ħamruniżi li kienu jiltaqgħu f'għalqa quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu. Ħsiebhom kien fil-ballun u għalhekk kienu jsejħu lil xulxin "il-ħbieb tal-futbol". Beda billi talabhom sigarett u mbagħad hu, li kien ġej minn familja "tal-puliti", poġġa bil-qiegħda ħdejhom fuq ġebla, u qabad ikellimhom fuq Ġesù.

Fost dawn iż-żgħażagħ ta' "l-għalqa ta' Luċtu" kien hemm ċertu Ewġenju Borg, apprentista t-Tarzna, li kien il-leader fost sħabu. Preca tah attenzjoni speċjali u kien jieħdu għalih waħdu biex jgħallmu u jfissirlu l-Vanġelu. Borg, magħruf bħala Ġeġè, kellu jsir l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà li Preca waqqaf inqas minn sena wara. Ftit qabel ma kien ordnat saċerdot Preca kien qiegħed imut bit-tuberkolożi, u t-tabib Meli li kien jikkurah kien qata' qalbu minnu. Iżda fit-22 ta' Diċembru 1906 huwa kien ordnat saċerdot mill-Isqof Pietru Pace.

### IL-BIDU TAS-SOĊJETÀ TAL-MUSEUM

Għall-ħabta tas-sena 1905, Preca kiteb abbozz ta' regola bil-Latin, Regula Eptangelorum, biex jibgħatha lill-Papa Piju X għall-approvazzjoni. Kellu l-ħsieb li fil-parroċċi kollha jkun hemm djar b'sebat irġiel ordnati djakni, megħjunin minn 12-il lajk, li xogħolhom kellu jkun li jgħallmu lit-tfal u lill-kbar. Iżda kellu jkun mod ieħor.

Għall-ħabta tal-aħħar ta' Jannar 1907 Dun Ġorġ sejjaħ mill-ġdid lill-grupp taż-żgħażagħ "tal-għalqa ta' Luċtu" u nhar it-2 ta' Frar iltaqgħu fil-Knisja Ta' Nuzzo, il-Ħamrun, għal-lezzjoni tiegħu. Nhar is-7 ta' Marzu ltaqgħu għall-ewwel darba f'post ċkejken u fqir li kienu krew f'numru 6, Triq Fra Diegu, il-Ħamrun.

Hekk twaqqfet is-Societas Doctrinae Christianae – is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija – grupp ta' żgħażagħ lajċi ffurmati fil-prinċipji tar-reliġjon Kattolika, mibgħuta biex jgħallmu lill-poplu. Kien żagħżugħ stess, wieħed mill-ewlenin soċji, Salvu Muscat li ssuġġerixxa l-isem Mużew għal din l-għaqda ġdida għax "f'mużew jintrefgħu l-iżjed affarijiet prezzjużi" u x'hemm iktar prezzjuż mit-tagħlim tajjeb li jagħti l-paċi tal-qalb? Biż-żmien dan l-isem qabad u baqa'. Dun Ġorġ, dilettant tal-Latin, fassal akronimu mill-kelma M.U.S.E.U.M.: "Magister utinam sequatur Evangelium universus mundus!"

Iżda wħud miż-żgħażagħ malajr tħajru jgħaddu l-istess tagħlim li rċevew mingħand Dun Ġorġ lil ħaddieħor. Sa mill-bidu, flimkien ma' Dun Ġorġ, bdew jiftħu l-"mużewijiet", djar tat-tagħlim għat-tfal u ż-żgħażagħ, u jgħallmuhom bl-istess metodi li tgħallmu huma. Għall-ħabta ta' Jannar 1908, Ewġenju Borg, wara x-xogħol tat-tarzna, beda jlaqqa' l-ewwel grupp barra l-Ħamrun, jiġifieri f'Bormla.

### OPPOŻIZZJONI

Fil-bidu, mhux kulħadd fehem x'ried jagħmel Dun Ġorġ u kien hemm min fehmu ħażin. Il-Bibbja u t-teoloġija f'idejn lajċi ħaddiema kienet ħaġa ġdida f'Malta Kattolika u kienet wisq aktar ġdida li dawn il-lajċi joħorġu fit-toroq u l-pjazez ixandru l-Vanġelu lil kulħadd. Iżda l-kelma li kienet ġejja minn lajċi għal lajċi oħrajn bdiet tintlaqa' tajjeb mill-poplu.

Fl-istess żmien kienu bdew jinxterdu ċerti ideat rivoluzzjonarji, fosthom dawk ta' Manwel Dimech, u l-Knisja kienet b'seba' għajnejn fuq kull attività jew organizzazzjoni ġdida, beżgħana minn xi tagħlim ġdid li seta' jtebba' t-tradizzjoni Nisranija tal-gżira. Kien hemm ukoll min ra xamma Protestanta f'dak li kien qiegħed jagħmel Dun Ġorġ.

Għalhekk, meta l-kelma waslet f'widnejn l-Isqof, li grupp ta' żgħażagħ kien qed jiltaqa' regolarment biex jitkellem fuq Alla, il-biża' ma setax jonqos. Fl-1909, il-Vigarju tal-Isqof Pietru Pace ordna lil Dun Ġorġ jagħlaq l-Oqsma tal-Mużew li kien laħaq fetaħ. Dun Ġorġ obda u beda jagħlaq. Iżda xi kappillani nsistew biex din l-ordni tal-Vigarju Ġenerali tiġi revokata. U Dun Ġorġ reġa' fetaħ bil-kwiet.

Bejn l-1914 u l-1915 bdew jidhru fil-ġurnali artikli kontra l-MUSEUM mimlijin disprezz u nġurji. Dun Ġorġ impona fuq il-membri tiegħu il-"vot tal-manswetudni" li bih intrabtu li jaħfru mill-qalb lil min ikasbarhom u kien jinsisti magħhom biex "iħobbu d-disprezzi" u ma jħallux li dawn itellfulhom il-paċi ta' qalbhom.

### DOM MAWRU CARUANA, ISQOF ĠDID TA' MALTA

Aloysius Charles Caruana twieled il-Furjana fl-1867. Studja fis-Seminarju ta' Għawdex, dak iż-żmien taħt il-Ġiżwiti, u wara fil-kulleġġ tagħhom ta' San Injazju f'San Ġiljan. Kompla jistudja fl-Abbazija Benedittina ta' Fort Augustus fl-Iskozja, u ta' 17-il sena ngħaqad magħhom, u ħa l-isem ta' Maurus. Fl-1891, kien ordnat saċerdot mill-Isqof ta' Aberdeen, u mill-ewwel bagħtuh Ruma biex jistudja l-Liġi Kanonika.

Lura l-Iskozja, Dom Mauro għallem il-filosofija, it-teoloġija u l-letteratura Latina fl-Abbazija ta' Fort Augustus. Inħatar rettur tal-kjeriċi, u segretarju tal-kapitlu tal-monasteru. Għamel sitt snin kappillan f'Fort Augustus u kienu jitolbuh jippritka f'diversi nħawi fl-Iskozja. Fl-1914, Dom Mauro nkarigawh iwaqqaf monasteru Benedittin fil-Brażil. Fil-fatt kien waqt waqfa qasira f'Malta li sar jaf li se jinħatar Isqof ta' Malta, xi ħaġa li ma stenniex. Il-ħatra tiegħu tħabbret uffiċjalment fit-22 ta' Jannar 1915, u kien ordnat isqof fil Bażilika ta' Santa Maria in Trastevere, f'Ruma, fl-10 ta' Frar.

Caruana kien ilu 30 sena maqtugħ minn Malta. Kif wasal Malta, ried ikun jaf sew min kienu s-saċerdoti djoċesani tiegħu. L-ismijiet tal-qassisin, bid-data tat-twelid tagħhom, il-pożizzjoni u l-ħidmiet pastorali tagħhom, tniżżlu f'reġistru. Dwar Dun Ġorġ, tniżżel li kien joqgħod il-Ħamrun, li kellu l-fakultà li jqarar l-irġiel, u li kien qiegħed imexxi "i cosi detti musei" (l-hekk imsejħin Mużewijiet). Alexander Bonnici, il-bijografu ta' Dun Ġorġ Preca, jgħid li "il-mod kif jissemma l-Museum diġà juri b'mod ċar li dak l-isem popolari tas-Soċjetà ma kienx qed jingħoġob u ma kienx approvat".



Ħafna mill-Kappillani kienu kontra li s-soċji tal-Museum jitgħallmu u jgħallmu t-teoloġija, xi ħaġa li kellha tkun inkoraġġita sittin sena wara fil-Konċilju Vatikan II

### ID-DIGRIET TAL-FTUĦ TAL-INKJESTA

Fit-3 ta' Marzu 1916, l-Isqof Dom Mauro Caruana ħareġ digriet biex issir inkjesta fuq is-Soċjetà tal-Museum: "Billi aħna, sa mill-bidu tal-episkopat tagħna, tfajna ħsibijietna fuq it-tagħlim reliġjuż taż-żgħażagħ, fdati fil-kura pastorali tagħna, u xewqanin li nkunu nafu b'mod sħiħ id-diversi istituti li fihom tiġi mgħallma d-duttrina Nisranija lit-tfal ta' din id-djoċesi maħbuba tagħna, kif ukoll l-organizzazzjoni tagħhom u l-mod li bih jiġi mgħallem il-katekiżmu, u b'mod partikulari, biex inkunu nafu b'mod sħiħ l-istituzzjoni tal-hekk imsejħa 'Mużewijiet' li jinsabu f'diversi parroċċi tal-gżira, b'dan id-digriet tagħna naħtru kummissjoni, magħmula minn dawn il-membri:

L-Illustrissimu u Reverendissimu Monsinjur Kanonku Teologu Luigi Attard D.D. Protonotarju Appostoliku, il-Wisq Reverendu Kanonku Carmelo Schembri, u l-Wisq Reverendu Padre Luigi Briffa S.J., li minnha naħtru President lir-Reverendissimu Monsinjur Luigi Attard, u li lilu nafdaw l-inkarigu li jeżamina l-istituzzjoni imsemmija qabel, tal-"Mużewijiet", l-organizzazzjoni tagħhom, il-frott li joħroġ mit-tagħlim li jsir fihom, dak kollu li għandu x'jaqsam magħhom, u mbagħad jirreferi lilna fuq dan.

Fl-aħħarnett, nagħtu lill-kummissjoni hekk maħtura l-fakultajiet li jkun hemm bżonn, fosthom dik li jsejħu xhieda u jikkonferulhom il-ġurament.

Mogħti mill-Palazz Arċiveskovili Tagħna ta' Valletta, il-jum tat-3 ta' Marzu 1916.

Mauro O.S.B.
Arċisqof – Isqof ta' Malta
Saċerdot P. Vella Mangion
Kanċillier." (traduzzjoni tiegħi mit-Taljan)

Dan id-digriet inkiteb bit-Taljan minn idejn l-Isqof Caruana nnifsu. Il-Kanonku Carmelo Schembri sar is-Segretarju tal-Kummissjoni. Lil Schembri kienu għabbewh b'biċċa xogħol iebsa u hu mertu tiegħu li għandna rapporti tant tajbin. Qabel ma bdew isejħu x-xhieda, il-membri tal-kummissjoni ħasbu biex jiġbru xi materjal biex bih ikunu jafu aħjar x'kienet is-Soċjetà tal-Museum. Huma ġabru r-regolamenti essenzjali tagħha u raw min kienu dawk li jmexxuha u fuq min kienet taqa' r-responsabbiltà tat-tagħlim.

### IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

L-inkjesta ħadet fit-tul iktar milli kien mistenni. Il-fundatur tal-Museum, Dun Ġorġ Preca, issejjaħ l-ewwel darba quddiem il-kummissjoni fl-10 ta' Marzu 1916. Preca kellu jidher b'kollox f'sitt sessjonijiet sħaħ li saru f'sitt ijiem differenti fi spazju ta' ġimagħtejn. Fit-tieni fażi tal-inkjesta, mit-3 sas-7 ta' April instemgħet ix-xhieda ta' disa' kappillani li fil-parroċċi tagħhom kellhom qasam jew oqsma tal-Museum. Fit-tielet fażi, mit-2 sal-5 ta' Mejju nstemgħu tliet qassisin. Fir-raba' fażi, mill-5 sad-9 ta' Mejju nstemgħu s-Superjuri Ġenerali tas-Soċjetà. F'Mejju tas-sena l-oħra, f'IT-TORĊA, kont tajtkom ġabra kważi sħiħa tax-xhieda kollha, traduzzjoni tiegħi mit-Taljan.

Il-membri tal-Kummissjoni ma setgħux jaslu malajr għal konklużjoni u damu xahar u nofs biex għamlu dan. Kien il-Ħamis 22 ta' Ġunju 1916, festa ta' Corpus li l-kummissjoni ppreżentat il-konklużjoni tagħha lill-Arċisqof Mawru Caruana.

Il-President tal-Kummissjoni, Mons. Luigi Attard (li kien ukoll il-konfessur ta' Dun Ġorġ), u l-membri l-Kanonku Karm Schembri u Patri Lwiġ Briffa għamlu ġabra tajba ħafna ta' kulma ntqal mix-xhieda li semgħu. B'mod bilanċjat u mingħajr preġudizzju, spjegaw x'kien hemm li jaqblu miegħu u x'kien hemm li xtaqu jiġi kkundannat.

### IL-PARIRI TAL-KUMMISSJONI

"...Billi nagħrfu l-ġid immens li l-kongregazzjoni għamlet u għadha tagħmel fid-djoċesi, u għax nibżgħu li dan il-ġid kollu jista' jintilef jekk għal xi raġuni din il-kongregazzjoni hekk meritevoli tieqaf jew ixxolji, dawn huma l-fehmiet umli tagħna: (1) li din għandha tibqa' teżisti (2) li malajr kemm jista' jkun Dun Ġorġ Preca jagħmel ir-regoli u l-kostituzzjonijiet biex ikunu approvati mill-Eċċellenza Tiegħek..."

Il-kummissjoni tagħti 16-il parir b'kollox lill-Isqof. Fosthom, tissuġġerixxi li jispiċċa l-isem "Museum" u l-kumpanija tibda tissejjaħ "Kongregazzjoni ta' Katekisti Ulied il-Papa". Li jitneħħew titli bombastiċi li kellhom is-soċji bħal "appostli" u "teologi". Li kemm jista' jkun il-laqgħat tal-kumpanija ma jsirux f'ħin il-funzjonijiet tal-parroċċi. Li l-membri ma jibqgħux jagħtu direzzjoni spiritwali lil xulxin. Li ma jagħmlux prietki imma biss spjega tal-katekiżmu. Li ma jistudjawx u ma jgħallmux it-Teoloġija. Li ma jbierkux ilma. Li ma jilbsux il-pallju. Li kull dar tal-kumpanija tkun f'armonija mal-Kappillan. U li l-oqsma tal-bniet ikunu biss klassijiet tad-duttrina.

"Dan huwa dak kollu li għandna l-unur nissottomettu lill-Eċċellenza Tiegħek, u nħallu f'idejn il-prudenza tiegħek li tilqa', tapprova jew tirriġetta dan is-suġġeriment tagħna, filwaqt li nitolbuk tieħu l-miżuri opportuni għall-konservazzjoni tal-kongregazzjoni msemmija, li b'tant żelu tippromwovi l-glorja ta' Alla u l-ġid spiritwali tal-poplu tad-djoċesi tiegħek."

Il-kummissjoni ma kellhiex il-poter li tieħu deċiżjoni. Is-setgħa kienet biss f'idejn l-Isqof. U l-Isqof Caruana dam kważi disa' xhur biex ħa deċiżjoni. Dan għamlu nhar is-6 ta' Marzu 1917, kważi għaxar snin eżatt wara l-ftuħ tal-ewwel dar tal-Museum.

*(jissokta)*



Mawru Caruana fil-bidu tal-episkopat tiegħu fl-1915